**QORTI CIVILI PRIM’ AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum l-Erbgha, 7 ta' Dicembru, 2016**

Numru 8

**Rikors Guramentat Nru. 120/2011**

**Elmo Insurance Limited kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Asfaltar Limited u l-istess Asfaltar Limited**

**vs**

**Solea Pharma Limited u b’effett mill-1 ta’ Frar 2012 l-isem tas-socjeta Solea Pharma Limited inbidel ghal Crystal Pharma Limited, u Rite Décor Limited**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-atturi tad-9 ta’ Frar 2011 li jghid hekk:

1. IIli fit-3 ta' Marzu 2009, sehh incident fis-sit tas-socjeta intimata Solea Pharma Limited fiz-Zona Industrijali ta' Bulebel, Zejtun, meta kien hemm spluzzjoni fuq l-istess sit, u dan waqt li kien qieghed isir xoghol mis-socjeta intimata Rite Decor Limited.

2. llii konsegwentement ghal dan l-incident, l-esponenti garrbu danni sostanzjali fl-ammont globali ta' mitejn tlieta u tletin elf seba' mija tnejn u hamsin ewro tmienja u sebghin centezmu [€233,752.78], fejn l-ingenji, proprjeta tas-socjeta esponenti Asfaltar Limited, assikurata mis-socjeta esponenti Elmo Insurance Limited skond polza ta' assikurazzjoni "Plant All Risks" bin-numru 582-16538, li kienu qed jintuzaw fl-istess sit, sfaw dannegjati.

3. Illi s-socjeta esponenti Elmo Insurance Limited, a tenur tal-polza ta' assikurazzjoni mahruga fir-rigward tas-socjeta esponenti Asfaltar Limited, kif kienet obbligata taghmel, indennizat lill-assikurat taghha fis-somma ta' mija sitta u tmenin elf erba'

mija hamsa u sebghin ewro [€186,475] u li ghalhekk l-istess socjeta Elmo Insurance Limited giet surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha [Dok. A].

4. Illi min-naha taghha, is-socjeta esponenti Asfaltar Limited de proprio garrbet danni fl-ammont ta' seba' u erbghin elf mitejn seba' u sebghin ewro tmienja u sebghin centezmu [€47,277.78].

5. Illi ghal dan l-incident u konsegwenzjali danni kienu jahti l-intimati - jew min minnhom - minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti bi ksur tal-artikolu 1031 u 1032(1) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

6. IIli minkejja li s-socjetajiet intimati kienu interpellati sabiex jaghmlu tajjeb ghad-danni tal-esponenti permezz ta' ittra ufficjali tal-14 ta' Lulju 2009, huma baqghu inadempjenti.

Ghalhekk kellha ssir din il-kawza fejn ir-rikorrenti qed jitolbu li din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara lill-intimati - jew min minnhom - responsabbli ghall-incident fuq deskritt u ghad-danni kollha li bhala konsegwenza tal-istess garrbu r-rikorrenti;

2. Tillikwida d-danni globali sofferti mir-rikorrenti fl-ammont ta' mitejn tlieta u tletin elf seba' mija tnejn u hamsin ewro tmienja u sebghin centezmu [€233,752.78], in kwantu ghal mija sitta u tmenin elf erba' mija hamsa u sebghin ewro [€186,475] lis-socjeta esponenti Elmo Insurance Limited u in kwantu ghal seba' u erbghin elf mitejn seba' u sebghin ewro tmienja u sebghin centezmu [€47,277.78] lis-socjeta Asfaltar Limited occorendo bl-opra ta' periti nominandi;

3. Tikkundanna lill-intimati - jew min minnhom - sabiex ihallsu lir-rikorrenti s-somma globali ta' mitejn tlieta u tletin elf seba' mija tnejn u hamsin ewro tmienja u sebghin centezmu [€233,752.78l, in kwantu ghal mija sitta u tmenin elf erba' mija hamsa u sebghin ewro [€186,475] lis-socjeta esponenti Elmo Insurance Limited u in kwantu ghal seba' u erbghin elf mitejn seba' u sebghin ewro tmienja u sebghin centezmu [€47,277.78] lis-socjeta Asfaltar Limited.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tal-14 ta' Lulju 2009, u bl-imghax legali b'effett mill-14 ta' Lulju 2009 kontra l-istess intimati - jew min minnhom - li huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tas-socjeta Solea Pharma Limited illum Crystal Pharma Limited li tghid hekk:

1. Illi mhemmx kontestazzjoni illi fit-3 ta' Marzu 2009 kien sehh incident fis-sit tas-socjeta intimata Solea Pharma Limited fiz-Zejtun waqt illi kien qed isir xoghol mis-socjeta intimata l-ohra Rite Decor Limited. B'hekk l-ewwel paragrafu tar-rikors guramentat tar-rikorrenti mhux kontestat;

2. Illi r-rikorrenti ghandhom jippruvaw d-danni illi allegatament soffrew;

3. Illi l-pretensjonijiet u l-allegazzjonijiet maghmula mir-rikorrenti fil-konfront tas-socjeta intimata Solea Pharma Limited, ghal dak illi ghandu x'jaqsam mar-responsabilita tal-incident fuq referut ghalih, huma infondati kemm fil-fatt u kif ukoll fid-dritt kif gja indikat fir-risposta ghall-ittra ufficjali datata 14 ta' Lulju 2009 (Dok. SP1). Kif sejjer jigi ppruvat ulterjorment fil-kors ta' din il-kawza l-incident in kwistjoni sehh bhala konsegwenza tal-imprudenza, imperizja, negligenza u innosservanza tar-regolamenti da parti tas-socjeta intimata l-ohra Rite Decor Limited [C-27432];

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Bl-ispejjez kollha inkluzi dawk tar-risposta ghall-ittra ufficjali pprezentata mir-rikorrenti, fuq imsemmija, kontra l-istess rikorrenti illi huma minn issa ngunti in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tas-socjeta Rite Decor Limited li tghid hekk:

1. Illi s-socjeta rispondenti Rite Decor Limited ma ghandha assolutament ebda responsabilita u htija ghall-incident li sehh fis-sit tas-socjeta intimata l-ohra Solea Pharma Limited fit-3 ta' Marzu, 2009 u ghaldaqstant ma ghandha assolutament ebda responsabilita' ghad-danni sofferti mill-atturi u m'ghandhiex kwindi twiegeb ghal tali danni.

2, Illi s-socjeta rispondenti Rite Decor Limited kienet giet inkarigata biex taghmel xoghlijiet edilizji u xoghlijiet ohra ancillari mis-socjeta intimata l-ohra Solea Pharma Limited fis-sit taghha fil-Qasam Industrijali ta' Bulebel u dawn ix-xoghlijiet gew ezegwiti skond is-sengha u l-arti u bil-prudenza, diligenza u attenzjoni li titlob il-ligi u l-incident in kwistjoni sehh minhabba ragunijiet illi huma ghal kollox estraneji ghall-operat tas-socjeta rispondenti Rite Decor Limited u li ghalihom certament li mhix responsabbli - dan kif se jigi ampjament pruvat fil-kors tat-trattazzjoni ta' din il-kawza. Konsegwentement it-talbiet attrici in kwantu dedotti fil-konfront tas-socjeta rispondenti Rite Decor Limited huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

3. Illi s-socjeta intimata l-ohra Solea Pharma Limited gharfet u rrikonoxxiet bl-izjed mod car, inekwivoku u manifest illi s-socjeta rispondenti odjerna Rite Decor Limited ma ghandha ebda responsabilita u htija ghall-incident mertu ta' din il-kawza tant illi in segwitu ghal dan l-incident hija inkarigat lis-socjeta rispondenti odjerna Rite Decor Limited sabiex tezegwixxi x-xoghlijiet rimedjali mehtiega fuq is-sit taghha u hallsitha ghas-saldu ghal dawn ix-xoghlijiet rimejdali hekk ezegwiti.

4. Sussidjarjament u assolutament bla ebda pregudizzju ghas-suespost u assolutament minghajr ebda accettazzjoni ta' responsabilita da parti tas-socjeta rispondenti Rite Decor Limited, is-socjetajiet attrici jridu jaghtu prova tad-danni minnhom sofferti fl-ammont/i minnhom reklamat/i stante illi l-ammont/i minnhom reklamati/i jidhru li huma ezagerati u eccessivi.

5. Illi wkoll, sussidjarjament u assolutament bla ebda pregudizzju ghas-suespost u assolutament minghajr ebda accettazzjoni ta' responsabilita da parti tas-socjeta rispondenti Rite Decor Limited, it-talba ghall-hlas tal-imghax b'effett mill-14 ta' Lulju, 2009 hija legalment infondata stante illi minkejja li gew mitluba somom specifici

bhala danni finalment trid tkun din l-Onorabbli Qorti li effettivament tikkwantifika tali danni u ghalhekk, jekk ikun il-kaz, l-imghax jiddekorri biss mid-data tas-sentenza u dan fuq l-istregwa tal-principju in illiquidus non fit mora.

6. Illi s-socjeta rispondenti odjerna Rite Decor Limited ma ghandha tbati ebda spejjez konnessi ma' din il-kawza.

7. Salv eccezzjonijiet ohra li talvolta jistghu jigu permessi minn din l-Onorabbli Qorti skond il-ligi.

Rat l-atti u n-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet prezentati;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Din hi kawza maghmula mis-socjeta assikuratrici ta' Asfaltar Limited bhala surrogata fid-drittijiet assikurati maghha tal-istess Asfaltar, flimkien mal-istess Asfaltar Limited ghal dawk id-danni subiti li mhux koperti mill-assikurazzjoni Elmo ghar-risarciment tad-danni kollha sofferti minn Asfaltar in segwitu ghal incident li sehh fit-3 ta' Marzu 2009 fil-proprjeta ta' Crystal Pharma gia Solea Pharma waqt li kienu qed isiru xoghlijiet minn Rite Decor kif mqabbda mill-istess Crystal Pharma.

Is-socjeta Crystal Pharma tinnega kull responsabilta u titfa' l-htija fuq Rite Decor li lilha kienu fdati ix-xoghlijiet fejn sehh l-incident.

Is-socjeta Rite Decor ukoll tinnega kull responsabilta u zzid li hi qdiet l-appalt moghti lilha minn Crystal Pharma b'diligenza, prudenza u attenzjoni li titlob il-ligi tant li s-socjeta Crystal Pharma rrikonoxxiet dan billi qabditha taghmel ix-xoglijiet riparatorji u hallsitha ghalihom.

Din hi kawza ex delicto ghal hsara li sofriet Asfaltar Limited fil-makkinarju taghha cioe trencher uzat ghall-asfaltar, kif ukoll telf ta' qliegh, meta sehhet spluzjoni fil-proprjeta ta' Crystal Pharma fl-Industrial Estate, Zejtun waqt xoghlijiet li kienu qed isiru minn Rite Decor. Jirrizulta illi Asfaltar Limited kienet ukoll imqabbda bhala subappaltatur minn Rite Decor biex taghmel xoghol ta' asfaltar fuq is-sit ta' Crystal

Pharma izda dakinhar tal-ispluzjoni, is-socjeta Asfaltar ma kienet qed tesegwixxi ebda xoghol izda kellha dan il-makkinarju wieqaf fejn sehhet l-ispluzjoni gewwa s-sit ta' Crystal Pharma. Il-kawza tal-incident kienet is-segwenti. Is-socjeta Crystal Pharma li hi kumpanija tal-pharmaceutici u li kienet fi stadju ta' tlestija tal-istess fabbrika, inkarigat lis-socjeta Rite Decor b'appalt fil-fabbrika taghha u wara li l-appalt kien kwazi terminat, Crystal Pharma talbet lil Rite Decor tqieghed gradilja fuq sump ta' kobor ta' xi metru u nofs kwadru li kien qieghed fis-sit tal-istess fabbrika. Is-socjeta Rite Decor gabet il-gradilja biex titpogga fuq is-sump pero kellha tinqata' parti mill-kantuniera tal-gradilja ghax kien hemm pipe tal-overflow jisporgi mis-sump. Dan is-sump zghir kien imqabbad ma' reservoir jew giebja kbira xi seba' metri kubi fuq naha ohra tal-fabbrika ta' Crystal Pharma, ghexieren ta' metri boghod. Il-persuna nkarigata biex taghmel dan ix-xoghol da parti ta' Rite Decor  beda jaqta' parti mill-kantuniera tal-gradilja biex titqieghed fuq is-sump u uza chaser tal-elettriku u malli beda x-xoghol li kien qed isir biswit l-istess sump taru l-isparks kif jigri meta tqatta l-hadid. Din ikkawzat hruq fis-sump li ghadda mill-konnessjoni sotteranja li kienet tghaqqdu mar-reservoir kbir u l-ispluzjoni sehhet fir-resevoir il-kbir li kkrejat il-hsara lil makkinarju tas-socjeta Asfaltar li kienet qeda wieqfa hdejn dan ir-reservoir.

**Provi**

Jirrizulta mx-xiehda ta' David Saliba, Head of Technical Operations fl-Awtorita tas-Sahha u Sigurta fuq ix-Xoghol li mar fuq il-post ftit wara l-incident u kellem lil Claude Vella Bonanno, general manager ta' Crystal Pharma u lil Sammy Gatt, direttur ta' Rite Decor li ma sar ebda risk assessment qabel inbeda x-xoghol. Skond ix-xhud dan hu obbligu naturali ta' min jikkomissjona xoghol u min qed jaghmlu. Hu qal li Crystal Pharma kellha taghmel dan bil-miktub jekk kellha aktar minn hames impjegati u evalwazzjoni anki mhux bil-miktub messha saret ukoll min Rite Decor qabel bdiet tuza l-apparat fuq ir-reservoir iz-zghir ossia sump. Kieku sar ir-risk assessment kien jittiehed konsiderazzjoni tar-riskju involut u jittiehdu l-prekawzjonijiet kif kellu jsir ix-xoghol. Ix-xhud zied li r-reservoir kellu likwidu vizibbli fih (solvent) izda l-periklu ma kienx il-likwidu izda l-'vapour' li johrog minnu u kienu dawn il'vapours' li kkawzaw l-ispluzjoni. Ix-xhud ippresenta wkoll rapport intern tal-investigazzjoni (Dok. DS2 a fol 58 tal-process). Zied ukoll illi s-socjeta Crystal Pharma ma qisitx dan is-sump bhala

ta' periklu ghax qisitu bhala low risk area. Ix-xhud jispjega fir-rapport l-iskop u uzu tas-sump u l-kimika li tmur fih. Zied ukoll illi suppost sar explosion protection document min Crystal Pharma li hu necessarju biex meta Crystal Pharma tqabbad persuni jaghmlu xoglijiet fil-fabbrika jkunu jafu x'tip ta' periklu jista' jkun hemm fejn ikun qed isir ix-xoghol. Dan ma sarx. Hu zied li z-zewg socjetajiet wehlu multi konnessi man-nuqqas ta' prekawzjonijiet mehtiega.

Skond ir-rapport tal-pulizija a fol. 78 tal-process, jidher li x-xoghol bic-chaser beda jsir minn impjegat Charles Borg (ta' Rite Decor). Il-gradilja ttiehdet lesta fuq il-post pero billi kien hemm katusa jew pipe sporgenti kellha tinqata' kantuniera mill-gradilja biex titpogga. Dan ix-xoghol kien qed isir biswit is-sump. Intuza chaser li kkawza hruq fis-sump u sussegwentement spluzjoni fir-reservoir. Skond l-ispettur Priscilla Caruana li investigat l-incident (fol. 76a tal-process) Charles Borg ma xammx irwejjah qabel beda x-xoghol ghax kien ibati minn kondizzjoni li impedietu din il-kapacita.

Gie esebit il-process verbal tal-inkjesta magisterjali li saret wara l-incident datat 5 ta' Marzu 2009 (fol. 83 tal-process) u fih hemm riassunt tal-opinjoni tal-espert tekniku cioe l-Professur Vella u x-xiehda ta' dirigent ta' Crystal Pharma Claude Vella Bonanno. Din l-inkjesta ossia l-opinjoni tal-espert tekniku kkonstat is-segwenti:

> L-esponent huwa tal-opinjoni illi l-ispluzzjoni Ii sehhet fil-fabbrika Solea Pharma kienet dovuta ghall-vapour phase explosion ikkawzata minn tahlita ta' organic solvent vapours u arja li sehhet fl-ispazju 'I fuq mill-wicc tal-ilma mahzun fil-giebja (G) tal-fabbrika.
>
> L-ispluzzjoni giet ikkawzata minn nar li qabad fil-wicc tal-ilma li kien hemm fis-sump fejn kien qieghed isir xoghol b'cejser liema xoghol kien jinvolvi l-produzzjoni ta' particelli jaharqu li huma kapaci jservu bliala sors ta' injizzjoni ta' mixela ta' gass splussiv. Il-mixela ta' gass splussiv kienet tikkonsisti f'tahlita ta' solvent vapours u arja. Is-solvent vapours kienu hergin mill-ilma fis-sump peress Ii fl-ilma kien hemm prezenza ta' solventi likwidi Ii gew introdotti hmmhekk minhabba f'xoghol li kien qieghed isir fil-fabbrika.
>
> Il-katusa Ii tikkomunika lis-sump mal-giebja serviet bhala kondott Ii wassal nar mis-sump lejn il-giebja fejn imbaghad sehhet l-ispluzjoni li ghamlet hsara lill-istruttura tal-giebja u lill-asphalat paver Ii kien jinsab fil-post.
>
> Meta fl-ilma ikun hemm xolti solventi organici flammabli, dawn is-solventi jibdew jevaporaw u jiffurmaw fuq il-wicc tal-ilma ammont ta' vapour jew fwar li jibqa' jifforma sakemm fl-arja il-koncentrazzjoni tieghu tkun lehqet valur Ii

jiddependi mit-temperatura u mill-koncentrazzjoni fl-ilma tas-solvent. Aktar ma jkun hemm solvent fl-ilma, u aktar ma tkun gholja t-temperatura, aktar ikun hemm livelli gholjin fl-arja sottostanti l-livell tal-ilma. Tahlita ta' solvent vapour flammable u arja tista' tisplodi jekk tigi f'kuntatt ma' fjamma jew ma' materjal jahraq u jekk fit-tahlita l-koncentrazzjoni tas-solvent vapour tkun tinsab bejn zewg livelli kritici li huma l-lower flammability (explosion) limiti u l-upper flammability (explosion) limit tal-materjal. U cioe, biex ikun hemm nar jew spluzjoni, irid ikun hemm fl-arja livell anqas mill-upper limit izda ghola mill-lower limit of flammability.

Giet stabbilit waqt l-access illi l-ilma li kien ltemm fil-giebja G kien qed jasal hemmhekk unikament mill-ilma ghar-rimi (waste water) li kien prezenti fis-sump S u ghalhekk huwa probabbli hafna illi l-ilma ta' gewwa l-giebja kien identiku ghal dak li kien hemm fis-sump u kellu fih is-sustanzi organici li nstabu fl-ilma tas-sump.

Ghalkemm fis-sump kien hemm prezenti submersible pump li kienet suppost intiza sabiex tizjojtja l-ilma inkwinat (il-waste water) mis-sump u tiehdu f'recipjenti apposta kif spjega s-sur Vella Bonanno, kien ovvju wkoll illi l-pompa ma kinitx ikkomunikata mal-elettriku u li ghalhekk ma setghatx kienet qed taqdi din il-funzjoni.

Fix-xhieda tieghu, Vella Bonanno stqarr hekk:
"Is-sump iservi bhala break tank ghal waste water sabiex ahna niddeterminaw il-kwalita' tal-ilma qabel ma niddeciedu x'isir minnu. U cioe "jekk imurx fir-riservwar tal-waste water jew le. Niccekkjaw jekk is-COD ikun anqas niinn 1000mg per litre u li l-pH ikun bejn 6 u 10. Jekk l-ilma jeccedi dawn il-limiti, huwa jigi ppumpjat ghal gewwa tankijiet u dawn jigu esportati bhala hazardous waste. Jekk le, jigi miftugh gewwa cisterna li minnha jmur fil-main sewer tad-drenagg.".

Jidher. li minkejja din l-istqarrija, l-ilma lt kien qed jingabar fis-sump kien qieghed imur direttament fil-giebja. Fil-fatt dan seta' jigi stabbilit mhux biss mill-fatt li l-pompa ma kinitx ghadha konnessa mal-elettriku imma anke mill-fatt illi l-livell tal-ilma fis-sump fil-hin tal-access kien jasal ezatt sal-pajp SO u cioe' l-likwidu mis-sump kien qieghed jiskula fil-pajp li jiehu lejn il-giebja.

Mistoqsi dwar il-bzonn li jkun hemm konnessjoni (tramite l-pajp SO) bejn is-sump u l-giebja (jew reservwar tal-ilma ) Vella Bonanno qal hekk:
"Il-konnessjoni li hemm mar-reservwar tal-waste water isservi sabiex jekk jimtela' bl-ilma tax-xita, dan is-sump ma jfurx ghal fuq il-paviment tal-fabbrika u tat-triq pubblika. Fil-fabbrika fil-hin tal-incident, konna qieghdin nittestjaw l-equipment maghruf bhala reactor numru 3, u kien hemm fl-uzu l-heptane u l-acetone.

Fuq il-mistoqsija tal-esponent nghid li ma nafx kif sab ruhu fis-sump materjal li jaqbad u jisplodi. Ghandna policy stretta ta' kontroll fuq id-disposal ta' solvent wastes."

Mill-analizi kimika li ghamel l-esponent tal-ilma fis-sump S, jirrizulta illi l-aktar solvent abbundanti fl-ilma kien l-acetone u dan kien wiehed mill-likwidi li Vella Bonanno qal li kienu qed jigu uzati fil-hin tal-incident.

Dwar dan huma kompla hekk:
"Fil-fabbrika fil-hin tal-incident, konna qieghdin nittestjaw l-equipment maghruf bhala reactor numru 3 u kien hemm fl-uzu l-heptane u I-acetone ... Nghid li konna ghadna kif iddistillajna madwar 280 litru ta' heptane II gbarna madwar 200 litru jew ftit aktar. Id-differenza ta' madwar 80 litru ma nafx fejn spiccaw. Ahna ma nehhejnix ilma mis-sump minn meta sehh l-incident."

Stante li fl-ilma tas-sump instab kwantita konsiderevoli ta' acetone izda mhux ta' heptane (hlief ghall-tracci), l-esponent jikkonkludi Ii fil-fatt, x'aktarx Ii mill-fabbrika kien sar telfien ta' acetone II dan is-solvent, b'xi mod, spicca prezenti fil-waste water fis-sump u minn hemm fl-ilma tal-giebja.

L-esponent jikkonkludi wkoll illi la kien hemm l-acetone xolt fl-ilma, dan il-materjal kien ukoll prezenti bhala vapour fl-ispazju 'il fuq mil-ilma kemm fis-sump, imma ukoll fil-giebja.

L-acetone huwa solvent organiku flammabli hafna: il-lower flammability limit tieghu hija 2.5% u I-upper flammability limit huija 12.8% (v/v fl-arja). Ghalhekk, hekk fl-arja ikun hemm tahlita taqbad u/jew tisplodi hekk kif tigi f'kuntatt ma’ sors ta' injizzjoni.

Jidher illi l-ispluzjoni fil-giebja, li l-kawza taghha sfronda s-saqaf tal-giebja u waqghet fiha l-asphalt paver, giet incendjata minn nar li origina inizjalment bil-hrug ta' solvent vapours prezenti fuq l-ilma Ii kien hemm fis-sump S fejn kien qed isir xoghol ta' qtugh ta' gradilja tal-hadid b'cejser. Dan l-apparat jiggenera particelli zghar ta' hadid fi stat inkandexxenti u dawn il-particelli facilment jincendjaw b'kuntatt tahlita splussiva ta' solvent vapour u arja kif jidher Ii kien hemm prezenti fis-sump. Ix-xhieda ta' Charles Borg, il-persuna li kien qed jaghmel xoghol ta' grinding bic-cejser turi bic-car li n-nar Ii beda fis-sump ippreceda l-ispluzzjoni bi ftit moment. Hekk huwa stqarr hekk fix-xhieda tieghu:
"Uzajt cejser biex naqta' l-gradilja waqt Ii din kienet pogguta fuq il-bokka tas-sump. Wara ftit li bdejt naqta', bic-cejser, rajt nar tiela' mis-sump. In-nar beda bil-mod u wara ftit beda izid. Wara ftit hafna, smajt thezziza."

It-thezziza sehhet meta giet ikkawzata l-ispluzzjoni mhux fis-sump izda fil-giebja G. Kif sata jigri dan?

Il-pajp muri SO fl-iskizz kien jiehu l-ilma mis-sump lejn il-giebja. Ghalhekk, anke fl-atmosfera ta' dan il-pajp kien hemm vapour ta' acetone prezenti 'I fuq mill-ilma li kien hemm hemmhekk. Allura l-esponent jikkonkludi illi l-fjamma tan-nar li jifformaw mill-hruq fis-sump malajr ikkawzaw lit-tahlita ta' arja u organic vapours li kien hemm prezenti fil-pajp SO biex taqbad peress li l-bokka tal-pajp kienet tinsab fis-sump. Dan wassal sabiex in-nar jasal sal-bokka l-ohra tal-pajp SO li kienet tinsab fl-intern tal-giebja G.

> Hekk kif il-front jaqbad fil-pajp ipproceda lejn il-giebja u wasal fiha, in-nar incendja l-vapours li kien hemm fl-atmosfera nterna tal-giebja u sehhet l-ispluzjoni principali li hezzet lill-fabbrika.
>
> Peress li l-volum ta' arja hawnhekk kien kbir, l-ispluzzjoni li sehhet kellha energija kbira u sufficjenti biex tajret minn postu s-saqaf tal-giebja u gholliet b'kollox lill-asphalt paver li kien jinsab fuq is-saqaf. Dan l-apparat imbaghad waqa' fl-ilma tal-giebja fejn sab ruhu mdawwar mill-fjammi li kien hemm tal-fumes li qabdu fl-ispluzzjoni. Dan in-nar ma damx jaqbad u b'hekk il-hsara bi hruq tal-asphalt paver ma kinitx kbira ghalkemm il-paver garrab hsarat mekkanici konsidervoli bid-daqqa li ha.

Fix-xhieda tieghu quddiem il-Qorti l-istess espert tekniku zied illi minn riezami tal-fatti jirrizulta illi l-fabbrika kienet qed tiddistilla f'dak il-perjodu il-prodott heptane (mhux hexane kif giet traskritta x-xiehda) li hu likwidu li ma jithallatx mal-ilma u fjammibbli. Kien esprima l-opinjoni illi peress illi l-plant manager ta' Crystal Pharma Claude Vella Bonanno qallu li kienu qed jiddistillaw il-heptane fil-fabbika u ma setghax jaghti spjegazzjoni ghaliex wara din l-operazzjoni instab li kien hemm xi tmenin litru nieqsa minn dak originarjament distillat, seta' ta l-kaz illi dan il-likwidu zejjed spicca fis-sump, fil-wicc tieghu u li kien ukoll jikkonsisti f'vapour fejn seta' kkonstata li l-volum tal-likwidu kien jasal sal-pipe kif irrizulta fl-access u dan skula ghal gor-reservoir u sehhet l-ispluzjoni. Zied illi l-heptane ma jibqax tracca tieghu jekk ikun hemm hruq. L-iskop tas-sump kien illi jekk il-likwidu li jkun fis-sump ikollu livelli accettabbli ta' toxins, wara ezami regolari mill-istess Crystal Pharma, dan kien jigi mnehhi via s-sistema ta' waste disposal normali pero jekk jinstab f'livelli anormali, kien jingabar u jitnehha b'mod kawt u skond ma titlob il-prudenza. Li ma ttehidx kont, skond l-istess espert kien li jekk ikun hemm overflow, qabel isiru testijiet, li kien ser jigri hu li l-overflow facilment seta' jiskula fil-pipe konness mar-reservoir.

Jirrizulta mill-atti illi Crystal Pharma kienet il-kommittent filwaqt illi Rite Decor kienet l-appaltatur. Asfaltar Limited kienet imqabbda mill-appaltatur biex taghmel xoghol ta' asfaltar liema xoghlijiet jirrizultaw ma kienux ghadhom kompluti meta sehh l-incident. Dan hu konfermat mill-perit inkarigat mix-xoghlijiet ta' kostruzzjoni Wallace Farrugia mqabbad min Crystal Pharma.

Jirrizulta mix-xiehda tal-perit Wallace Farrugia illi hu kien hareg certifikat ta' practical competition of works u handing over li kien ighodd mit-28 ta' Frar 2009 (fol. 305 tal-

process). Dan kien ifisser illi x-xoghlijiet fil-maggoranza taghhom kienu kollha kompluti u li hand-over tas-sit f'dak li hi responsabilta ghal safety u sigurta jaqa' fuq is-sid cioe Crystal Pharma. Kien ghad jonqos affarijiet zghar meqjusin bhala snag list li s-soltu jinghataw perjodu ta' sena ghat-tlestija tant li tinzamm parti zghira mill-hlas dovut lil appaltatur sakemm isiru dawn ix-xoghlijiet. F'din l-isnag list setghet titqies il-gradilja li dwarha nqala' l-incident. Dakinhar tal-incident kien fuq is-sit jispezjona diversi partijiet tieghu. Ftit qabel l-incident kien hdejn Charles Borg, direttur u impjegat ta' Rita Decor li kien qed iqieghed il-gradilja fuq is-sump. Safejn ftakar hdejn Borg kien hemm electrician ta' Crystal Pharma certu Deo Bonnici. Waqt li kien hdejn Borg ma nnota xejn li seta' jindikalu li kien hemm xi periklu u minn fejn kien lemah lil Borg jaqta' l-gradilja vicin is-sump pero ma kienx jaf jekk il-likwidu fis-sump kienx wiehed splussiv. Ma kienx hemm senjalitika li turi periklu fil-fabbrika li kienet mimlija solvent. Suppost f'siti sensittivi bhal dan, sid il-fond jitlob ghal hot work permit meta jsiru certu xoghlijiet, pero ma jafx kienx hemm tali permess.

Charles Borg li hadem fuq il-gradilja u li hu direttur u mpjegat ta' Crystal Pharma xehed li hu ha l-grada lesta tal-qies f'bictejn fuq is-sit biex titqieghed. Izid li meta kejjel is-sump ma kienx hemm il-pompa bil-katusa tisporgi mis-sump. Din sabha meta mar iqieghed il-gradilja. Ghalhekk kellu jaqta' bicca mill-gradilja b'chaser. Il-gradilja kienet vicin is-sump. Hdejh kien hemm certu Aaron Grima mpjegat ta' Crystal Pharma li urih mnejn iqabbad l-elettriku mac-chaser minn gewwa ambjent intern tal-fabbrika. Ma jiftakarx jekk kienx Grima li qabbadlu l-elettriku jew mar hu stess fejn urih Grima. L-incident sehh bil-mod li hu car mill-provi gia rakkontati. Charles Borg jammetti li ma talabx permessi biex iqatta' l-gradilja vicin is-sump izda l-impjegat ta' Crystal Pharma kien jaf x'qed jaghmel l-istess xhud.

Aaron Grima, plant operator tas-socjeta Crystal Pharma jinnega li hu ghin b'xi mod lil Charles Borg biex ikollu l-elettriku biex iqabbad ic-chaser. Anzi jghid li hu kien qed jiehu hsieb tindif u kalibrar ta' apparat meta sema' hoss ta' chaser u hareg jara x'kien billi fil-chemical plant trid toqghod attent x'tuza. Ra n-nar u mar fuq il-post. Zied li ma jafx jekk kienx qed isir distillar ta' heptane dakinhar pero ma jidhirlux. Jekk ikun sar fix-xift ta' qabel ma jkunx jaf x'sehh. L-impjant ma kienx ghadu beda jiffunzjona ghalkemm ammetta li distillazzjoni jikkonsisti f'xoghol preparatorju. Zied li fejn is-

sump kien hemm sinjali li ma tistax tuza sulfarini u lighters li wahlithom kumpanija li ma jafx min kienet. Hu temm jghid li meta l-impjant beda jopera kien isir test kuljum biex jaraw il-livell tossiku fis-sump u jittiehdu l-mizuri necessarji.

Claude Vella Bonanno, spizjar u plant manager jistqarr illi l-impjant kien fi stadju ta' commissioning. Dakinhar kienu qed juzaw reatturi u jaghmlu certu operazzjonijiet li f'dik il-gurnata kienu distillar ta' heptane. Hu jghid li hu normali li jkollok spillage kemm fit-tindif u waqt l-uzu u dan jaqa' mal-art. L-art tal-fabbrika hi mxaqilbha lejn gullies u l-ispillage jmur fihom u jingabar fis-sump. Jekk ikun hemm overflow kien hemm sistema ta' pompa li titfa' z-zejjed go reservoir kbir f'distanza l-boghod mis-sump konness mas-sump b'pipe sotterran. Minn gor-reservoir dan l-ispillage kien jigi migbur f'tankijiet u esportat biex tinzamm is-sigurta. Ix-xoghol tad-distillar dakinhar beda xi 6.30am u dam xi saghtejn. Charles Borg gie fid-9.30am biex iqieghed il-gradilja fuq il-bokka tas-sump u nfurmah li wasal u x-xhud qallu kollox sew. Borg mar iqieghed il-gradilja u sab il-pipe tal-pompa tisporgi mis-sump u kellu jaghmel toqba fil-gradilja. Hu xehed li l-incident sehh ghax fis-sump kien hemm il-heptane u vapours tieghu fil-wicc tal-ilma billi l-kimika hi ehfef u meta Borg uza c-chaser taru l-isparks li qabbad nar u dan infirex mill-pipe li kien ighaqqad is-sump mar-reservoir li sploda. Hu zied li dak il-hin kien fl-ufficcju tieghu u hadd ma staqsih li kien hemm bzonn tqattiegh tal-gradilja ghalkemm hu ra l-gradilja fil-vann u kienet shiha. Ma ghaddilux minn rasu li l-gradilja kellha bzonn tinqata' biex tiffitja mal-pipe.

Sammy Gatt, direttur ta' Rite Decor xehed illi s-socjeta Crystal Pharma kienet dahlet fi ftehim ta' appalt maghha. Zied li Rite Decor kienet lestiet ix-xoghlijiet xi hmistax qabel l-incident u l-gradilja giet ordnata wara minn Crystal Pharma bhala safety measure ghal fuq is-sump. Fil-fatt ma kinitx tifforma parti mill-kuntratt originali. Hu kien prezenti meta sar ix-xoghol tat-tqeghied tal-gradilja fuq is-sump. Kienu akkompanjati minn Aaron Grima ta' Crystal Pharma. Ftakar li ra lil perit Farrugia hdejn ir-reservoir. Meta kien qed isir ix-xoghol ghat-tqieghed hadd ma qalilhom xejn. Zied li Vella Bonanno accetta r-responsabilta ghall-incident peress li lanqas kien ghadu hadu mizuri kontra fire prevention fil-fabbrika u huma tqabbdu jaghmlu x-xoghlijiet riparatorji fuq il-gibjun u thallsu. In oltre meta saru x-xoghlijiet rimedjali saru

xi tibdiliet ghal aktar ventilazzjoni fuq il-gibjun fuq struzzjonijiet tal-kumpanija barranija sid il-fabbrika.

**Konsiderazzjonijiet**

Din hi kawza ghal danni akwiljani. L-artikolu rilevanti huma l-artikoli 1031 sa 1033 tal-Kap. 16:

> 1031. Izda, kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu.
>
> 1032. (1) Jitqies fi htija kull min bl-eghmil tieghu ma juzax il-prudenza, id-diligenza, u l-hsieb ta' missier tajjeb tal-famiija.
> (2) Hadd ma jwiegeb, fin-nuqqas ta' disposizzjoni espressa tal-ligi, ghall-hsara li tigri minhabba nuqqas ta' prudenza, ta' diligenza jew ta' hsieb fi grad akbar.
>
> 1033. Kull min, bil-hsieb jew minghajr hsieb li jagħmel deni, ghax ikun irid jew b'nuqqas ta' diligenza, ta' prudenza jew ta' hsieb, jaghmel jew jonqos li jaghmel xi haga li biha jikser xi dmir impost mil-ligi, hu obbligat ghall-hlas tal-hsara li tigri minhabba f'hekk.

Fil-kawza **Martin Paul Vella et vs Chris Micallef**, App Inf 06/10/2010 inqal hekk:

> F'materja ta' danni hu ben assodat illi l-kundanna dwarhom tippresupponi htija f'min ikun gabhom fis-sehh. Hija din li trid per forza tirrizulta minn xi att jew trasgressjoni tad-dover u mankanza tad-debita diligenza, ghal liema jirreferu l-Artikoli 1031 u 1032 tal-Kodici Civili. Bir-ragun, kif rilevat fis-sentenza fl-ismijiet "**George Thomas Davison -vs- Joseph Azzopardi nomine**"; Appell Kummercjali, 2 ta' Marzu, 1962, "mill-analisi ta' l-istess disposizzjonijiet tal-ligi jirrizulta illi ghall-applikazzjoni taghhom ghandhom jikkonkorru tliet elementi li huma (1) il-fatt dannuz illecitu, (2) l-irnputabilita' ta' l-istess fatt ghal min ikun ghamlu, u (3) id-dannu kagonat minn dak l-istess fatt. Dawn it-tliet elementi ghandhom bilfors jikkonkorru f'delitt civili, jew fi kwazi-delitt li jobbligaw l-awtur taghhom ghar-rizarciment tad-dannu kaqonat mhux biss lill-vittma ta' l-att illecitu, imma anke lii kull min indirettament jirrizenti d-danni; liema delitti u kwazi-delitti huma msemmijin mil-legislatur fir-rubrika tal-Kap II tas-Subtitolu II tat-Titolu IV tat-Tieni Parti tat-Tieni Ktieb tal-Kodici Civili, u li huma kumulattivament dezinjati taht l-isem generiku ta' htija fl-artikolu citat": Huwa bil-wisq logiku illi jekk din il-htija ma tigix ammessa jew konfessata, l-istess riedet tiqi investigata u determinata, preordinatament ghall-kundanna. Jikkonsegwi illi l-ezercizzju li kellu jsir mill-Gudikatur kien wiehed li jimporta mhux biss attenzjoni lill-allegazzjoni ta' l-atturi imma wkoll lid-difiza tal-konvenut. Fuq kollox, jekk giex sewwa u konvincentement sodisfatt il-principju tal-piz tal-provi da parti ta' l-atturi, trattasi li l-kolpa f'materja akwiljana trid dejjem tigi provata minnhom. Prova din li l-Gudikatur kellu jakkwizixxi mill-materjal probatorju offert jew dezunta

> mill-fatti u c-cirkostanzi tal-kaz: Hi dottrina elementari sew maghrufa illi "per dare luogo a responsabilta' è necessario che esiste un rapporto di causa ad effetto tra il fatto illecito e il danno" (ara **Fadda**, "**Giurisprudenza sui Codice Civile**"; Vol. V p. 721). Dan il-principiu sab rispons favorevoli f'diversi decizioniiiet tal-Qrati taghna, kif tixhed is-sentenza fl-ismijiet "**Giovanni Sare' -vs- Carmelo Farrugia et**"; Appell Kummercjall, 6 ta' Frar, 1928. Fi kliem iehor. "hu imprexxindibilment rikjest sabiex ikun hemm lok ghad-danni Ii jkun hemm ness ta' kawzalita bejn iI-fatt kolpevoli u I-event dannuz" ("**John Debono et -vs- Negte. Joseph Muscat proprio et nomine**", Appell Kummercjali, 26 ta' Frar, 1960. Ara wkoll "**Paul Debono -vs- Malta Drydocks**" Prim' Awla, Qorti Civili, 27 ta' April, 2005)

Applikati dawn il-principji ghal fatti s-socjetajiet attrici irnexxielhom jippruvaw id-dannu cioe l-hsara tal-makna tal-asfaltar li kienet wieqfa fis-sit ta' Crystal Pharma, fejn dakinhar ma kien qed isir ebda xoghol ta' asfaltar. Din il-hsara sehhet minhabba spluzjoni f'gibjun taht l-art fejn kienet parkeggjata l-makna u li b'kawza ta' dan l-makna sofriet danni konsiderevoli. Ma hemm ebda prova li turi illi b'xi mod din il-makna kienet il-kawza jew b'xi mod ikkontribwiet ghal tali spluzjoni u konswegwenti dannu. Ma jirrizultax illi kien hemm xi divjet li din il-makna tkun parkeggjata fejn kienet jew li kienet xi fonti ta' periklu jew sors li minnu ggenerat l-operazzjoni li waslet ghal hsara. Fil-fatt irrizulta mill-provi li x-xoghol ta' asfaltar ma kienx ghadu tlesta kollu fl-impjant.

Jirrizulta ppruvat bhala fatt illi l-hsara subita giet kagonata minn spluzjoni li kellha l-origini taghha ghexieren ta' metri boghod minn sump li kien konness mal-gibjun permezz ta' pipe tal-overflow li kien jaghti mis-sump ghal gibjun. L-origini tal-ispluzjoni kien ic-chasing li kien isir min impjegat ta' Rite Decor fuq gradilja ordnata min Crystal Pharma peress illi kellha ssir alterazzjoni fl-istess gradilja minhabba pipe sporgenti mill-istess sump. Jirrizulta li fis-sump kien hemm likwidu li wara rrizulta li kien fih ukoll xi kimika u vapours tal-istess u malli intuza l-apparat elettriku taru xi sparks li kkawza l-hruq fil-likwidu, liema hruq ghadda mill-pipe tal-overflow fil-gibjun u billi dan kien taht l-art u maghluq, sploda u sehhew il-konsegwenzi dannuzi.

Is-socjetajiet attrici ppruvaw id-dannu u l-kawza u l-effett tieghu. Jibqa' biex jigi stabbilit min kien responsabbli ghal tali dannu. Is-socjetajiet konvenuti jinnegaw kull responsabilta. It-tnejn isostnu illi huma ma setghux jinstabu hatja ghal dak li sehh. Hi l-fehma tal-Qorti illi r-responsabilta ghall-incident verso s-socjeta Asfaltar Limited u s-

socjeta assikuratrici kif surrogata fid-drittijiet ta' Asfaltar hi ta' Crystal Pharma Limited. L-incident sehh fis-sit ta' Crystal Pharma. Crystal Pharma hi socjeta pharmaceutika. Gie ppruvat illi dakinhar tal-incident kien gia sar hand over tal-fabbrika u s-sit lill-istess socjeta u kwindi r-responsabilta ghas-sigurta tas-sit u min ikun hemm fiha kienet tappartjeni lis-socjeta Crystal Pharma biss. Hi kellha d-dover li tassikura li ma jkunx hemm periklu u li jittiehdu dawk il-mizuri kollha ta' sigurta necessarja f'sit ta' xoghol u partikolarment f'sit sensittiv bhal dan fejn parti kbira mill-operat tal-istess socjeta kien it-thaddim u tqandil ta' prodotti perikoluzi u tossici.

Gie ppruvat ex admissis mix-xhieda tal-plant manager Claude Vella Bonanno li kien wkoll spizjar, illi dakinhar li sehh l-incident, l-impjant ma kienx ghadu funzjonanti, tant li kienu ghadhom qed isiru xi xoghlijiet ghalkemm kif inghad kien gia sar il-hand over xi gimgha qabel. Madankollu jirrizulta illi kienu qed isiru pre production tests fl-intern tal-fabbrika bi prodott perikoluz cioe il-heptane fejn sar prova tal-process ta' distillar tieghu. Dan il-process sar bejn is-6.30am u t-8.30am tat-3 ta' Marzu 2009. Claude Vella Bonanno li kien l-oghla dirigent inkarigat mill-impjant xehed li kien konsapevoli mill-fatt illi fil-process ikun hemm spillage tal-prodott kemm fil-produzzjoni u anki waqt l-operazzjoni ta' tindif. Kien jaf ukoll illi dan l-ispillage kien ser imur fis-sump u f'kaz ta' overflow jiskula ghal giebja tramite katusa konnessa minn taht l-art bejn is-sump u l-giebja.

Claude Vella Bonanno kien konsapevoli wkoll illi l-heptane ma jithallatx mal-ilma, anzi jibqa' fil-wicc u l-vapours tieghu huma fjammabbli. Kien ukoll konsapevoli illi dakinhar ghal habta tad-9.30am gie haddiem ta' Rite Decor biex iqieghed gradilja, ordnata mill-istess Crystal Pharma, biex titpogga fuq is-sump li kienet ghadha mikxufa. Vella Bonanno kellem lil haddiem ta' Rite Decor, cioe Charles Borg meta wasal fuq is-sit u qallu li seta jmur jahdem biex ipoggi l-gradilja fuq is-sump. Kienet dizattenzjoni gravi da parti ta' Vella Bonanno, proficenti fil-kimika u l-periklu taghha li ma jqis illi ftit qabel kien nizel likwidu konsistenti fi spillage ta' heptane fis-sump. Ma kellu ebda garanzija li l-gradilja kienet ser titpogga fuq is-sump bla ma jintuza ebda ghodda biex titqieghed kif imiss. Fil-fatt jirrizulta illi dak li kkawza l-hruq fis-sump kienu l-gmamar li hargu mic-chaser meta keinet qed titqatta' parti zghira mill-gradilja biex takkomoda ruhha madwar pipe tal-pompa tal-overflow sporgenti mis-sump.

Jirrizulta in oltre li ma kien hemm ebda senjaliteka ta' periklu fis-sit u senjatament fejn is-sump cioe fejn kellu jsir ix-xoghol. Ghalkemm ix-xhud Aaron Grima, plant operator jixhed li kien hemm sinjali li ma tistax tuza sulfarini jew lighters, din ix-xiehda mhix korrobrata u ma ttella' ebda xhud li seta' jikkonferma din is-senjalitika. Del resto l-istess xhud lanqas ftakar min kienet id-ditta li mmanifatturat din is-senjalitika. Anki l-perit mqabbad min Crystal Pharma li kien fuq is-sit fil-hin tal-ispluzjoni jinnega li kien hemm xi senjalitika u in oltre izid li waqt spezzjoni li nzerta kien qed jaghmel dakinhar, anki meta mar hdejn is-sump ma nnota xejn li seta' jindikalu li kien hemm xi periklu.

Il-Qorti tqis illi f'dan l-istadju ta' pre produzzjoni, meta l-fabbrika ma kinitx ghadha ufficjalment funzjonanti, b'haddiema ghadhom ghaddejjin b'xi xoghlijiet, kien jinkombi diligenza akbar mis-socjeta Crystal Pharma li tpoggi fis-sehh mizura ta' kawtela biex jigi assikurat kull nuqqas ta' periklu potenzjali possibbli.

Dan jirrizulta mix-xiehda tal-perit Wallace Farrugia stess li jixhed li meta Charles Borg kien qieghed hdejn is-sump kien hemm impjegat ta' Crystal Pharma mieghu x'aktarx l-electrician Deo Bonnici. Din ix-xiehda ma gietx kontradetta u Deo Bonnici lanqas ittella' jixhed. Anzi l-istess perit izid illi suppost is-socjeta Crystal Pharma kellha d-dover li ggib hot work permit meta jsir dan it-tip ta' xoghol sensittiv. Hu car ghal Qorti li ebda hot work permit ma ngieb f'dan il-kaz ghax l-istess plant manager ma kienx jaf ezatt x'kien qed isir.

Hu minnu fil-fehma tal-Qorti illi l-fatt tal-hsara kien in-nar li qabad meta Charles Borg ta' Rite Decor uza c-chaser biex jaqta' l-gradilja fejn is-sump, liema nar imbaghad estenda taht l-art u spicca fil-giebja mirduma li splodiet u kwazi qerdet il-makkinarju ta' asfaltar li kien fil-vicin. Pero hi l-fehma tal-Qorti illi l-kagun tal-incident kien in-nuqqas tas-socejta Crystal Pharma li tiehu dawk il-mizuri preventivi u prevedibbli biex jigi assikurat, anki fil-fazi ta' pre production li ma jsir ebda xoghol jew jittiehdu kwalsiasi azzjoni li tista' tkun ta' periklu u hsara. Jirrizulta ghal Qorti illi Charles Borg ma setghax iqis il-konsegwenza tal-azzjoni tieghu bhala prevedibbli u dan peress li ma kien hemm xejn vizibbli jew indikattiv ta' xi periklu mill-azzjoni tieghu u di piu kellu

l-kunsens esplicitu jew implicitu li jaghmel dak li ghamel meta persuni inkarigati jew formanti parti mill-impjieg ma' Crystal Pharma ma projbewx jew wissew lil Charles Borg minn xi fonti ta' periklu. Anzi hi l-fehma tal-Qorti illi Charles Borg ma setghax wahdu jkun jaf minn fejn seta' jiehu l-elettriku ghac-chaser jekk ma jkunx idderigih xi hadd mill-fabbrika li kien jaf mnejn seta' jqabbad ic-chaser l-istess Charles Borg.

Ghalkemm ix-xhud David Saliba rapprezentant tal-Awtorita tas-Sahha u Sigurta fuq ix-Xoghol qal li Rite Decor ma ghamlux risk assessment qabel beda jaghmel ix-xoghol ta' qtugh tal-gradilja bic-chaser u giet immultata ghal dan, din il-Qorti ma tqis li tali kontravvenzjoni naxxenti minn avviz legali wahedha hi bizzejjed biex tistabilixxi responsabilta civili ghad-danni. Il-Qorti tqis li l-kawza tal-incident ma kienx in-nuqqas ta' risk assessment da parti ta' Rite Decor izda n-nuqqas assolut tas-socjeta Solea Pharma li tipprovdi mizuri preventivi biex ma jsehhx dak li fil-fatt sehh kemm bhala preavviz tal-periklu li seta' kien hemm u sorveljanza adegwata biex tassigura a safe and risk free environment meta tqis li din il-fabbrika lanqas kienet ghandha fi stadju ta' produzzjoni.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti tqis illi r-responsabilta ghall-incident jaqa' kollu fuq is-socjeta Crystal Pharma.

**Danni**

L-atturi pprezentaw provi dwar id-danni subiti. In kwantu ghat-telf attwali mgarrab gie ppruvat illi l-makna tal-asfaltar in kwistjoni sofriet hsarat kbar bl-ispluzjoni kienet beyond economic repair. L-atturi jzidu li skond l-espert Taljan li ngieb minn barra hu stima l-valur tal-makna fl-istat li kienet wara l-ispluzjoni fis-somma ta' €10,000. Makna gdida kienet tiswa xi €260,000. Il-makna kienet assikurata ghal prezz li nxtrat fl-2006 cioe €220,000 li minnha tnaqqas €22,000 ghal depreciation peress li l-incident sehh tlett snin wara u €1,525 ghall excess u billi l-assikurat Asfaltar Limited zamm il-makna danneggata l-ammont imhallas mill-assikurazzjoni kien ta' €186,475 u s-socjeta Elmo giet surrgoata fid-drittijiet ta' Asfaltar ghal dan l-ammont (ara dokumenti u xiehda ta' Jeffrey Scorey tal-Elmo a fol. 28 et seq. tal-process). Din ix-xiehda mhix kontradetta.

Is-socjeta Asfaltar qed titlob ukoll ghal kiri ta' makna sakemm kienet f'pozizzjoni li tixtri ohra, u dan kien ikopri l-perjodu 4 ta' Marzu 2009 sal-15 ta' Settembru 2009 (ara fol. 176 tal-process). Il-kiri ghal diversi granet tul dan il-perjodu sewa s-somma ta' €47,277.79 u €8,510 VAT bir-rata ta' €1,236.90 kuljum. Ix-xhud Paul Magro, direttur ta' Asfaltar xehed illi l-kiri sar minghand V&V Contractors Limited u l-hlas sar bi tpartit ma' hlas ta' xoghol dovut mill-istess V&V Contractors Limited lil Asfaltar Limited. Il-kiri kien necessitat peress illi din il-makna tintuza spiss mis-socjeta Asfaltar ghax-xoghlijiet li jkollha ma terzi. Din il-prova ma tidhirx kontestata.

Ghalhekk il-Qorti tqis illi s-socjeta konvenuta Crystal Pharma ghandha thallas lis-socjeta attrici Elmo s-somma ta' €186,475 u lis-socjeta Asfaltar is-somma mitluba cioe €47,277.79.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet attrici u tiddikjara lis-socjeta Crystal Pharma Limited responsabbli ghall-incident li sehh fit-3 ta' Marzu 2009 fl-impjant taghha u tikkundannaha thallas lis-socjeta Elmo Insurance Limited is-somma ta' €186,475 u lil Asfaltar Limited is-somma ta' €47,277.79 in linea ta' danni, bl-imghax mid-data tal-ittra ufficjali tal-14 ta' Lulju 2009 liema att kien jispecifika somma deterimata, u bl-ispejjez kollha tal-kawza.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur